MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2006

Rikors Numru. 1004/2006

**Fl-atti tar-rikors guramentat numru 1003/06 AF u wara l-mandat ta’ sekwestru numru 1586/06, fl-ismijiet:**

**Angelo Spiteri (ID 223255 M) u martu Josephine Spiteri (ID 817955 M)**

**vs**

**Andrew Cilia (ID 683853 M), Anna Ursula Cilia (ID 771056 M) Carmelo Cilia (ID 668855 M) u Gerolama Cilia (ID 241057 M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-sekwestrati kollha Cilia fejn gie premess:-

Illi r-rikorrenti ghadhom kif gew notifikati b'mandat ta' sekwestru illi l-intimati Angelo u Josephine Spiteri intavolaw kontrihom;

Illi l-intimati Angelo u Josephine Spiteri qed jallegaw illi huma sellfu lill-intimati is-somma ta' Lm274169 lir-rikorrent;

Illi dan ma hu minnu xejn u r-rikorrenti sejrin jikkontestaw din it-talba bil-qawwa kollha;

**Revoka tal-Mandat Ta' Sekwestru:**

Illi anke jekk wiehed jipprexxindi f'dan l-istadju mill-fatt dwar min ghandu ragun jew le, jirrizulta li l-intimat Spiteri flimkien mal-mandat ta' sekwestru intavolaw ukoll mandat ta' inibizzjoni, numru 1585/06 fejn huma qed jigu inibiti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu mis-sehem indiviz taghhom tal-ghalqa maghrufa "Tat-Turretta" sive "Tal-Fossi", f' Cannon Road, kantuniera ma Triq is-Sebh, Qormi, tal-kejl ta' circa 12970 metri kwadri. Kopja ta' dan qed tigi esebita bhala Dok "A";

Illi fil-fatt ir-rikorrenti huma proprjetarji ta' zewg terzi minn din l-art, liema art ma hija soggetta ghall-ebda ipoteka jew piz;

Illi dan ifisser illi ir-rikorrenti huma propjetarji inter alia ta' zewg terzi ta' bicca art li fiha circa tnax-il tomna, liema art illum tinsab ukoll fl-iskema tal-bini;

Illi skond stima ta' din l-art mill-Perit A Fenech Vella, din l-art tiswa mhux inqas minn Lm3776000. Dan ifisser illi sehem ir-rikorrenti minn din l-art jiswa mhux inqas minn Lm2517333. Kopja ta' din l-istima qed tigi hawn annessa bhala Dok "B";

Illi dan iffisser illi anke kieku ghall-grazzja tal-argument it-talba tas-sekwestranti Spiteri kellha tirrizulta fundata, altru li tali talba hija adegwatament protetta bil-mandat ta' inibizzjoni wahdu. Dan apparti l-fatt illi r-rikorrenti ghandhom diversi propjetajiet ohra. Illi dan ifisser illi jezistu r-rekwiziti ai termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 sabiex dan il-mandat ta' sekwestru jigi revokat, una volta permezz tal-mandat ta' inibizzjoni it-talba tas-sekwestranti hija adegwatament koperta;

**Penali**

Illi meta s-sekwestranti intavolaw il-mandat ta' sekwestru huma kienu jafu li s-sekwestrati kienu l-propjetarji ta' zewg terzi tal-art in kwestjoni u kienu wkoll ben konxji tal-valur tal-istess art. Illi dan il-fatt huwa notorju;

Illi ghalhekk jirrizulta car illi bil-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni is-sekwestranti ma seta' kellhom ebda dubju ragonvoli dwar is-solvenza tar-rikorrent u dwar il-kapacita' taghhom illi jhallsu lis-sekwestranti, kieku xi darba t-talba ta' dawn tal-ahhar kellha tigi akkolta;

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi l-mandat ta' sekwestru ma kellux ghalfejn jinhareg simultanjament mal-mandat ta' inibizzjoni u ghahlekk jezistu wkolli r-rekwiziti sabiex din il-Qorti tordna lis-sekwestranti li jhallsu l-penali kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kap.12, peress illi jezistu r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 836(1)(c);

Illi dan kollu qed jinghad minghajr pregudizzju ghad-dritt tar-rikorrenti li fi stadju ulterjuri jattakkaw il-mandat ta' inibizzjoni innifsu;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti:

1. tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru numru 1586/06, fl-ismijiet Angelo Spiteri (ID 223255 M) u martu Josephine Spiteri (ID 817955 M) vs Andrew Cilia (ID 683853 M) Anna Ursula Cilia (ID 771056 M) Carmelo Cilia (ID 668855 M) u Gerolama Cilia (ID 241057 M), stante illi bis-sahha tal-mandat ta' inibizzjoni 1585/06, fl-istess ismijiet, it-talba tas-sekwestranti, anke kieku kellu tirrizulta fundata, hija aktar minn adegwatament koperta u ghalhekk ir-rekwiziti tal-aritkolu 836(1)(c) tal-Kap.12, huma soddisfatti;

2. tiddikjara li jezistu r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 836(8)(c) tal-Kap.12 sabiex is-sekwestranti jigu kkundannati jhallsu l-penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap.12;

3. tiffissa l-penali kontemplata fl-aritkolu 836(8) tal-Kap 12;

4. tikkundanna lis-sekwestranti jhallsu lis-sekwestrati l-penali iffissata;

Bl-ispejjez kollha kontra s-sekwestranti Spiteri;

Rat l-atti l-ohra kollha tar-rikors u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita sabiex jinghata il-provediment finali;

Ikkonsidrat:

Fir-rikors promotur is-sekwestrati Cilia jippremettu li l-intimati konjugi Spiteri ottjenew kontra taghhom il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju fejn l-istess intimati qed jallegaw illi huma sellfu lir-rkorrenti ammont konsiderevoli. Ir-rikorrenti jikkontestaw dawn il-pretensjonijiet bil-qawwa kollha. Inoltre r-rikorrenti jippremettu li l-intimati ottjenew ukoll kontra taghhom il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (1585/06) fejn gew inibiti milli jbieghu, inehhu, jittrasferixxu jew jiddisponu is-sehem indiviz taghhom tal-ghalqa maghrufa "Tat-Turretta" sive "Tal-Fossi", f' Cannon Road,

Qormi. Din l-art mhux soggetta ghall-ebda ipoteka jew piz, fiha circa tnax-il tomna u tinsab fl-iskema tal-bini. Din l-istess art giet valutata minn perit fis-somma ta' mhux inqas minn Lm3776000 u s-sehem tar-rikorrenti skond din l-istima jammonta ghal mhux inqas minn Lm2517333;

Skond ir-rikorrenti dan iffisser li l-eventwali talba tal-intimati hi adegwatament protetta bil-mandat ta' inibizzjoni wahdu. Skond ir-rikorrenti ghalhekk jezistu r-rekwiziti ai termini tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap.12 sabiex dan il-mandat ta' sekwestru jigi revokat;

Ir-rikorrenti jippremettu ukoll li l-intimati kienu jafu li r-rikorrenti kienu l-propjetarji ta' zewg terzi tal-imsemmija art u kienu konxji tal-valur tal-istess art. Ghalhekk l-intimati ma seta' kellhom ebda dubju ragonvoli dwar is-solvenza tar-rikorrenti. Ghalhekk il-mandat ta' sekwestru ma kellux ghalfejn jinhareg u jezistu r-rekwiziti sabiex jigi ordnat lill-intimati li jhallsu l-penali kontemplata fl-artikolu 836(8) tal-Kap.12 u dana peress illi jezistu r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 836(1)(c);

In vista ta' dan kollu ir-rikorrenti qed jitolbu li l-mandat ta' sekwestru numru 1586/06 jigi revokat u mhassar stante illi bis-sahha tal-mandat ta' inibizzjoni 1585/06 it-talba tal-intimati hi aktar minn adegwatament koperta u ghalhekk ir-rekwiziti tal-aritkolu 836(1)(c) tal-Kap.12, huma soddisfatti. Qed jitolbu li jigi dikjarat li jezistu r-rekwiziti kontemplati fl-artikolu 836(8)(c) tal-Kap.12 sabiex l-intimati jigu kkundannati jhallsu l-penali ai termini tal-artikolu 836(8) tal-Kap.12. Qed jitolbu ukoll li tigi ffissata din il-penali u konsegwentement l-intimati jigu kundannati jhallsu lir-rikokkenti l-penali iffissata;

Ir-rikorrenti jippretendu li bis-sahha tal-imsemmi mandat ta' inibizzjoni (1585/06) it-talba tal-intimati hi aktar minn adegwatament koperta u ghalhekk qed jippretendu li l-imsemmi mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghandu jigu

revokat u mhassar. F'dan ir-rigward ir-rikorrenti jghamlu referenza ghall-provedimenti tal-aritkolu 836(1)(c) tal-Kap.12. Huma jsostnu li bl-imsemmi mandat ta' inibizzjoni huma gew inibiti milli jbieghu jew b'xi mod jiddisponu mis-sehem indiviz taghhom ta' ghalqa li tinsab Hal- Qormi. Huma jippretendu li s-sehem taghhom minn din lart jiswa aktar minn zewg miljuni u nofs liri maltin u konsegwentement l-eventwali pretensjoni tal-intimati hi adegwatament protetta bil-mandat ta' inibizzjoni wahdu;

L-imsemmi artikolu 836(1)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-intimat li jkun hareg att kawtelatorju kontra tieghu jista jitlob li l-istess att kawtelatorju jigi revokat anke in parte jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju u anke jekk dik il-garanzija ohra tista, ghas-sodisfazzjon tal-qorti, tassigura bizzejjed il-pretensjoni;

Fl-opinjoni tal-qorti dawn il-provedimenti mhux applikabbli ghal kaz in esami. Ma jirrizultax sufficjentement li hemm garanzija ohra xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-intimati. Lanqas ma jista jinghad li l-imsemmija garanzija l-ohra tassigura bizzejjed il-pretensjoni tal-intimati;

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-valutazzjoni li giet presentata hi valutazzjoni ex parte. Jekk tali valutazzjoni hi korretta ghandu ikun facli ghar-rikorrenti li jottjenu garanzija bankarja ghall-ammont pretiz mill-intimati fit-talba taghhom ghal hrug tal-mandat ta' sekwestru in kwestjoni. Inotre jirrizulta li s-sehem tar-rikorrenti mill-art in kwestjoni u sehem indiviz.  Ghalhekk jista hemm drittijiet ta' terzi konnessi mal-istess bicca art. Dan kollu ifisser li l-intimati ragionevolment setghu kellhom dubji dwar is-solvenza tar-rikorrenti;

Lanqas ma jirrizultaw l-estremi li trid il-ligi sabiex tigi applikata l-penali skond il-provedimenti tal-artikolu 836(8) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ma jirrizultax li ma kienx hemm ghalfejn li jinhareg il-mandat ta’ skwestru kawtelatorju in kwestjoni;

In vista ta’ dan kollu t-talbiet kollha tar-rikorrenti Cilia ghandhom jigu rigettati;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti;

Spejjez kollha kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------